Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,433, 17 ta' Lulju, 2020
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXVI tal-2020

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima, Kap. 543, u biex jipprovdi dwar ħwejjeġ Ii għandhom x'jaqsmu magħhom jew huma anċillari għalihom.

ACT No. XXXVI of 2020

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Climate Action Act, Cap. 543, and to provide for other matters dealing with them or ancillary thereto.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

17 ta' Lulju, 2020

ATT Nru XXXVI tal-2020

ATT sabiex jemenda l-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima, Kap. 543, u biex jipprovdi dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom jew huma anċillari għalihom.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2020 li jemenda Diversi Liġijiet rigward l-Ambjent u l-Klima.

TAQSIMA I
Emendi għall-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima

Emendi għall-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima. Kap. 543.

2. Din it-Taqsima temenda l-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

3. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, minnufih wara t-tifsira "gassijiet serra" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat Permanenti" tfisser il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp imwaqqaf taħt l-Att dwar l-Iżvilupp;". Kap. 552.

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

4. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Il-Ministru għandu jiżgura li l-istrateġija nazzjonali ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju tiġi riveduta u aġġornata perjodikament, u tal-inqas kull ħames snin.".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

5. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Il-Ministru għandu jiżgura li l-istrateġija nazzjonali ta' adattament tiġi riveduta u aġġornata perjodikament, u mill-inqas kull ħames snin.".

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

6. L-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-Ministru għandu jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Istrateġija Nazzjonali ta' Żvilupp b'Emissjonijiet Baxxi ta' Karbonju u l-Istrateġija tal-Adattament Nazzjonali u l-aġġornamenti tagħhom, għall-inqas darba kull ħames snin."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Skont is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu u l-artikolu 11(2)(f), il-Ministru għandu jirreferi r-rapporti, l-istrateġija jew il-*policy* lill-Kumitat Permanenti.".

TAQSIMA II
Emendi għall-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent

Emendi għall-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent. Kap. 549.

7. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

8. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, it-tifsira "Kumitat Permanenti" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Kumitat Permanenti" tfisser il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp imwaqqaf taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;". Kap. 552.

Sostituzzjoni tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li

ġej:

"Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

31. Il-Ministru għandu jirreferi dawn li ġejjin lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp:

(a) kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b'emendi jew skartat;

(b) l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent u r-Rapport dwar l-Istat tal-Ambjent;

(ċ) kull rapport, pjan jew *policy* oħra skont ma l-Ministru jqis li hu meħtieġ:

Kap. 552.

Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jipprepara stqarrija ta' pożizzjoni fil-perjodu stipulat fl-Att tal-Ippjanar, il-Ministru responsabbli mill-Ambjent għandu jagħmel talba formali lill-Kamra biex jiddiskuti din l-Istrateġija, pjan jew *policy*.".

TAQSIMA III
Emenda għall-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp

Emenda għall-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Kap. 552.

10. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali.".

Emenda tal-artikolu 60 tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 60 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel l-artikolu 60 tiegħu, is-subtitolu "Il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp" għandu jiġi sostitwit bis-subtitolu li ġej:

"Il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp";

(b) l-artikolu 60(1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

60. (1) Għandu jkun hemm Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li għandu jkun magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kamra, li minnhom tlieta jkunu membri li jirrappreżentaw lill-Gvern, u li minn fosthom wieħed jinħatar bħala *Chairperson*, u t-tnejn l-oħra jkunu membri li jirrappreżentaw lill-Oppożizzjoni.";

(ċ) l-artikolu 60(2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Il-Kumitat Permanenti għandu jiddiskuti kull strateġija, pjan jew *policy* riferuti lilu skont l-artikoli 46 u 53 u kull ħaġa oħra riferuta lilu skont l-Att għall-Protezzjoni tal-Ambjent u l-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima u jipprepara rapport u dan ir-rapport għandu jiġi riferut lill-Kamra u lill-Ministru.

Kap. 549. Kap. 543.

Dan ir-rapport jista' wkoll jinkludi kull opinjoni li ma taqbilx fuq l-istrateġija, pjan jew *policy*. Il-Ministru għandu jieħu konjizzjoni tar-rapport:

Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jipprepara rapport fil-perjodu stipulat fl-Att, il-Kunsill Eżekuttiv jista' jadotta l-imsemmija strateġija, pjan jew *policy* u l-Ministru jista' wkoll japprova l-imsemmija strateġija, pjan jew *policy* kif mgħoddija lilu mill-Kunsill Eżekuttiv."; u

(d) Kwalunkwe referenza fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp għall-"Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp" għandha tinqara u tinftiehem, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, bħala referenza għall-"Il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp".

TAQSIMA IV
Emenda Ġenerali fil-Liġijiet ta' Malta

Emenda Ġenerali fil-Liġijiet ta' Malta.

12. Kull referenza f'xi liġi oħra għal "Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp", għandu jinqara u jinftiehem, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, bħala referenza għall-"Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp".

A 691

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 358 tal-14 ta' Lulju, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati